MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 217/2002/1

**Michael Scicluna**
**vs**

**Regina Bianca Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fl-1 ta' Frar 2002, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sitta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm836.50c) rapprezentanti ammont dovut ghall-xogholijiet maghmula u prezz ta' materjal uzat in konnessjoni ma' stallar ta' zewg *cold rooms* mill-attur fuq istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra bonarja tad-19 ta' Novembru, 2001 u bl-imghax legali mit-12 ta' April 2001, data ta' l-invoice kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fil-11 ta' Marzu 2002 fejn intqal:**

**1. Illi l-allegati xogholijiet ma sarux skond l-arti u s-sengha, tant li kellu jerga' jsir xoghol minn terzi persuni kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.**

**2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub fit-talba huwa esagerat stante li parti minnu kien gie mhallas direttament mill-eccipjenti (Dokument A).**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-affidavit ta' Rosalia di Grazia. Semgha x-xhieda ta' Emanuel Gusman, Ray Mallia, Rosalia di Grazia u Michael Scicluna.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz qed isir ghal hlas ta' tmien mija sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm836.50c) ghal xogholijiet ta' installar ta' zewg cold rooms lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta qal li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u nkorriet spejjez peress illi kellu jsir xoghol minn terzi. In oltre s-socjeta' konvenuta qed tghid li l-ammont mitlub hu esagerat peress li diga hallset parti mill-ammont.**

**2. Jirrizulta li l-attur kien tqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex jinstalla zewg cold rooms. L-attur kien accetta li jaghmel dan u kien qal lis-socjeta' konvenuta li l-ispiza tigi ta' mitejn lira (Lm200) ghal kull cold room. L-attur ighid ukoll li kellhom parts neqsin u kien xtrahom hu fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Ix-xoghol tlesta f'nofs Frar 2001 u l-invoice hareg f'April ta' dik is-sena. Jirrizulta li xi whud mill-parts ma kienux gew konnessi mill-attur ghal dak li jirrigwarda l-freezer peress li l-uzu kien ghal cold room biss.**

**3. Rosalia Di Grazia direttrici tas-socjeta' konvenuta tikkonferma li l-attur ghamel xogholijiet dwar iz-zewg cold rooms, pero' tghid li filwaqt li kien**

**installa wahda, fuq l-ohra kien ghamel nofs ix-xoghol. L-istess direttrici qalet li kien hemm xi difetti pero' ma tiftakarx jekk kienetx informat lill-attur b'dan.**

**4. Skond Rosalia Di Grazia, l-attur kien ta istruzzjonijiet biex tixtri xi parts li ordna hu ghaliha u dejjem skond ma tghid hi kienet tat cheque lil certu Bruno Tucci fl-ammont ta' mija tlieta u tletin lira u tmenin centemzu (Lm133.80c), Dok A datat 9 ta' Marzu, 2001. Jidher li Rosalia Di Grazia ma kienetx korretta meta qalet illi dana Bruno kien jahdem ma' Blye Engineering, inkwantu Ray Mallia direttur ta' Blye Engineering ikkonferma li ma hemm hadd li jismu Bruno u li jahdem maghhom.**

**5. Rosalia Di Grazia tikkonferma li kellha ssejjah zewg teknici biex jirrangawlha l-cold rooms, wiehed f' Lulju 2001 li kienet halsitu tlieta u tletin lira (Lm33) u iehor f'Settembru 2001 li kienet hallsitu hamsa u tletin lira (Lm35).**

**6. Dwar il-cold rooms, Emanuel Gusman jikkonferma li kien hadem ghas-socjeta' konvenuta xi xoghol fir-rigward. Precizament huwa jsemmi electrical board li suppost kellu defrost termination termostat li ma kienx qed jiffunzjona. Huwa kien ibbajpasjah u hadem tajjeb. Innota wkoll li kien hemm nuqqas ta' gas minhabba leak. Huwa kien irranga l-leak u l-fan. Ix-xhud jaghmel osservazzjoni mportanti fis-sens li wiehed mill-fans mill-bidu ma kienx jahdem, u dana nnotah mill-fatt illi filwaqt li fan minnhom kien mahmug, l-iehor kien nadif. Inoltre x-xhud sab ukoll li fejn kien hemm leakage ta' gas kien hemm ukoll leakage ta' zejt.**

**7. Minn dak li ntqal jirrizulta pruvat illi tassew thallas l-ammont ta' mija u tlieta u tletin lira u tmenin centezmu (Lm133.80c), pero' ma jirrizultax li dawn il-flus qatt inghaddew lill-attur. Infatti f'dan il-kuntest Rosalia Di Grazia qalet li l-attur ghamel ix-xoghol ghal habta ta' Marzu 2001, u l-istess attur xehed li lesta x-xoghol f'nofs Frar 2001, u hareg l-invoice f'April 2001, filwaqt li c-cheque li nghata lil Bruno Tucci jgib id-data l-1 ta' Gunju 2001. Ghalhekk ma jistax ikun illi dan ic-cheque kien inghata sabiex l-attur jixtri parts kif allegat. Li jirrizulta in vece huwa li tassew ix-**

**xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u huwa gustifikatat l-ilment tas-socjeta' konvenuta fir-rigward. F'dan il-kuntest il-provi li gabet l-istess socjeta' konvenuta jindikaw li biex ghamlet it-tiswijiet nefqet tmienja u sittin lira Maltin (Lm68) b'kollox.**

**8. Ghalhekk mill-ammont ta' tmien mija sitta u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm836.50c) ghandu jitnaqqas dana l-ammont imsemmi ta' tmienja u sittin lira Maltija (Lm68) u b'hekk jigi li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' seba' mija tmienja u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm768.50c).**

**Ghaldaqstant filwaqt illi kif inghad tinsab gustifikata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u qed isir l-aggustament fir-rigward, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' seba' mija tmienja u sittin lira u hamsin centezmu (Lm768.50c). Bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporatati inkwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' konvenuta u terz mill-attur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------